# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Numru: 126/2018 RM

## Anthony Galea

## -vs-

## Wayne Ciantar

**Illum, 11 ta' Gunju 2020.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-25 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut prevja kull dikjarazzjoni ta' din il-Qorti hekk meqjusa neccessarja, ihallsu s-somma ta' hamest elef, sitt mija u wiehed u ghoxrin ewro (€5,621) rapprezentanti din is-somma dak il-bilanc dovut lilu minnhu, mill-prezz pattwit bejniethom sabiex huwa ghamillu u kkunsinnalu numru ta' ghamajjar (*sic.* ghamara).

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz tal-ittra ufficjali datata 25 ta' April 2018, bir-riferenza numru 1122/2018 (Dok. A), u li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Wayne Ciantar pprezentata fit-3 ta' Lulju 2018 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

*Illi t-talba rikorrenti timmerita illi tiġi miċħuda bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi fl-ewwel lok tali azzjoni tal-attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut, fl-2015, kien ghamel ordni ta' diversi bicciet ghamara fosthom bibien interni, xi units fil-kmamar tal-banju, xoghol fil-kcina eziztenti u walk in wardrobe.*

*3. Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li tali xoghol kellu jitlesta kollu sa qabel it-tieg tal-istess konvenut Ciantar u cioe` sa Lulju 2016.*

*4. Illi ghad li l-attur thallas diversi pagamenti u dan kif ser jintwera matul il-kawza, x-xoghol li kien inkarigat jaghmel l-attur mhux talli ma tlestiex sad-data miftehma izda ghadu inkompjut sal-lum.*

*5. Illi mix-xoghol kollu miftiehem bejn il-partijiet, l-attur hadem biss il-bibien interni, zewg units fil-kmamar tal-banju u parti mix-xoghol li kellu jsir fil-kcina.*

*6. Illi apparti dan kagun ta' xoghol hazin u b'mod traskurat li sar mill-istess attur, saret hsara fil-parquet fil-fond tal-konvenut kif ukoll fl-ghamara li hadem l-attur stess u dan kif ser jinterwa wkoll matul it-trattazzjoni tal-kaz.*

*7. Illi apparti dan l-attur ma tax l-ircevuti fiskali kollha tal-flus li thallas mill-konvenut u bhala rizultat l-konvenut tilef ukoll l-opportunita li jitlob rebate skond skema li kienet tezisti ghal min kien qieghed jizzewweg dak iz-zmien.*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi permezz ta' digriet moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Lulju 2018;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2018 fejn in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ordnat li tigi deciza qabel kollox din l-istess eccezzjoni;

Rat is-sentenza *in parte* moghtija minnha fit-30 ta' Jannar 2019 li permezz taghha caħdet l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut;

Semghet il-provi u rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>Fatti fil-Qosor</u>**

Permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qed jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ammont ta' ħamest elef sitt mija u wieħed u għoxrin Euro (€5,621) rapprezentanti bilanċ ta' prezz għal manifattura u konsenja ta' kwantita` ta' ghamara u xoghlijiet tal-injam.

Il-konvenut da parti tiegħu jilqa' għal din l-azzjoni billi jgħid li l-attur kien tardiv fil-konsenja, ix-xogħol ordnat ma kienx konsenjat kollu, ix-xogħol li sar kien ħażin u li l-attur kkaġuna ħsarat fil-mobbli appartenenti lill-istess konvenut fil-qadi ta' l-inkarigu lilu mogħti. Izid isostni li l-attur tħallas tax-xogħol li

għamel għalkemm f'xi istanzi jikkonċedi li żamm il-pagament biex l-attur jikkompleta x-xogħol kollu u jindirizza jew jirrimedja l-lanjanzi li l-istess konvenut kellu dwar ix-xogħlijiet ezegwiti mill-attur. Wara trapass ta' xi żmien, il-konvenut ittermina l-inkarigu tal-attur.

L-attur da parti tiegħu jirrikonxxi li fadal xi rqaqat ossia *finishing touches* x' jsiru, iżda skont hu dawn ma sarux għaliex il-konvenut waqa' lura fil-pagamenti.

**<u>Ordnijiet ta' Xogħol</u>**

Jirriżulta li r-relazzjoni bejn il-kontendenti li tat lok għar-relazzjoni kuntrattwali mertu ta' din il-kawza, inbdiet permezz ta' skambju bil-posta elettronika esebit (in parti) kemm mill-attur[1] kif ukoll mill-konvenut[2].

Jirriżulta li permezz ta' komunikazzjoni elettronika datata 27 ta' Settembru 2015[3] l-attur ta stima lill-konvenut għal diversi xogħlijiet, fejn elenka x-xogħlijiet u l-prezz għall-istess:-

- ***Kitchen** Section A is in 2 parts, the part with fridge and broom cupboards € 932, the other part of the units complete with glass € 1,398. Section B €279, Section C € 583, Section D €349, Section E €680. This all done from solid tulip timber sprayed with non yellowing white satin, soft closing hinges and soft closing drawers.*[4]
- ***Walking** (recte. Walk-In) **Wardrobe** € 3,145*
- ***Sliding Door** € 480*
- ***Internal Doors** with 4 big panels € 490; with 6 panels € 580*

[1] A fol 48 *et seq*
[2] A fol 66 *et seq*
[3] A fol 68
[4] L-ammonti indikati iġibu total ta' € 4,221.

- ***Outside Door** with 4 panels € 700; with 6 panels € 778.*
- ***Partitions** closed with 2 doors € 898 each*

Jirriżulta li permezz ta' komunikazzjoni elettronika sussegwenti datata 24 ta' Mejju 2016[5], l-attur ta stima ohra lill-konvenut ghas-segwenti xogholijiet:-

- ***Bathroom unit** for the shower made from solid tulip & walnut finish cost **€680***
- ***Bathroom cover** for bath with panels made same from solid tulip **€540***
- ***The vanity** for the sink with one drawer with heavy duty runners soft closing **€380**.*

In segwitu għall-ewwel stima, il-kontendenti fformalizzaw il-ftehim tal-5 ta' Ottubru 2015 li permezz tiegħu[6] l-attur ġie inkarigat jimmanifattura u jistalla diversi bibien bil-prezz pattwit ta' **€4,056** fejn ġie speċifikat *handles and locks not included.* Ta' min jinnota li l-prospett anness ma' dan id-dokument[7] jindika li l-prezzijiet għal bibien varji jikkombaċjaw ma' dak stmat fl-email datat 27 ta' Settembru 2015, fejn per eżempju – *Outside door* huwa indikat bil-valur ta' €778, *internal doors with 4 panels* bil-prezz ta' €490.

Jirriżulta li ma' dan l-ordni sar ħlas ta' depozitu mill-konvenut fl-ammont ta' €800 u sussegwentement, fl-20 ta' Ġunju 2016[8], sar pagament ieħor ta' €1,500, biex b'hekk kollox jindika illi wara li l-attur ta skont ta' € 6.00, l-ammont bilanċjali dovut fuq il-bibien kien ta' €1,700. Ma' dawn żdiedu l-prezz tal-pumi fl-ammont ta' €416 biex f' dak l-istadju, l-ammont dovut fuq il-bibien kien ta' € 2,116. Jirrizulta li dan sar bl-aċċettazjoni sħiha tal-konvenut, li ffirma fuq l-

[5] A fol 66
[6] A fol 14 *et seq*
[7] A fol 15
[8] Esebita kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut - a fol 16 u 45

istess dokument kif del resto gie konfermat mill-istess konvenut in kontro-eżami.[9]

Sussegwentement, il-konvenut ordna xogħlijiet oħrajn mingħand l-attur fejn permezz ta' *invoice/cash sale* datata 22 ta' Lulju 2016[10] bin-numru 40, il-kontendenti rrikapitulaw il-pendenzi u elenkaw ix-xogħol il-ġdid ordnat. Minn dan id-dokument jirriżulta li kif fuq riportat, il-bilanċ fuq il-bibien kien ta' €2,116, ix-xogħol fuq il-*vanity units* kien ser jiswa €1,300, u saru ħlasijiet mill-konvenut ta' €1,121 u pagament ieħor ta' €900. F'dan l-istadju l-bilanċ li kien għad fadal jitħallas mill-konvenut lill-attur għax-xogħol tal-bibien u l-vanity units kien ta' **€1,395**. Dan id-dokument (*invoice/cash sale*) il-konvenut aċċettah mingħajr ebda rizerva peress li iffirmah u kkonferma li l-firma hija tiegħu, kif fuq ingħad.

Sussegwentement jidher li l-konvenut inkariga lill-attur sabiex isiru modifiki fuq gwardarobba ezistenti (*fitted wardrobe*) u reġa' sar l-istess eżerċizzju fejn tniżżlu l-pendenzi u żdied il-ħlas għall-gwardarobba fl-ammont ta' €400. Hemm indikat f' *Invoice/Cash Sale* datata 28 ta' Awwissu 2016 (enumerata 99) li l-konvenut ħallas l-ammont ta' €395 mill-*Invoice / Cash Sale* preċedenti enumerata 40, biex il-bilanċ dovut mill-konvenut kien f'dan l-istadju tax-xogħlijiet, jammonta għal €1,000. Ma' dan żdied il-valur fuq imsemmi ta' €400 fuq ix-xoghol tal-gwardarobba biex b'hekk, il-bilanċ dovut mill-konvenut fid-data msemmija kien ta' **€1,400.** Dan id-dokument, kuntrarjament għall-oħrajn, ma huwiex iffirmat mill-konvenut, għalkemm fil-kors tal-kawża jirriżulta li l-istess konvenut jaqbel ma' dak li hemm miktub fid-dokument[11].

L-attur esebixxa *Invoice / Cash Sale* oħra datata 27 ta' Frar 2019 fejn jerġa jsir l-istess eżerċizzju – issir rikapitulazzjoni ta' l-ammont li kien għadu pendenti

[9] A fol 23
[10] Esebita kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut – a fol 17 u 44
[11] Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut ikkonferma illi l-konvenut ma kienx ordna li tigi manifatturata gwardarobba ġdida iżda li jsiru alterazzjonijiet fuq gwardarobba eżistenti.

ta' €1,400 u jiżdied l-ħlas dovut skont l-attur għax-xogħol li sar fil-kċina fl-ammont ta' €4,221, biex b'hekk l-ammont bilanċjali dovut mill-konvenut issa kien jammonta għal **€5,621.**

Il-Qorti tosserva illi l-ammont ta' ħlas mitlub għax-xogħol li sar fil-kċina[12], jikkombaċja perfettament ma' l-istima mogħtija mill-istess attur permezz tal-korrispondenza elettronika datata 27 ta' Settembru 2015, kif qablet wara kollox fil-każ tal-bibien. Ukoll, b'referenza għall-prezzijiet tal-kċina hemm kwotati, il-konvenut wieġeb hekk lill-attur b'korrispondenza datata 28 ta' Settembru 2015[13]:- "*We will discuss kitchen when in place.*" Ma jidhirx li saret ebda rizerva jew lanjanza mill-konvenut f' dan l-istadju, dwar il-prezzijiet stmati jew il-fatt li l-istima kienet tinkludi *soft closing hinges & soft closing drawers.* Il-Qorti tinnota wkoll li dan il-valur, riferibbilment għax-xogħol li sar fil-kċina, huwa konfermat fl-intier tiegħu mill-konvenut stess li, fid-deposizzjoni tiegħu, jikkonferma li l-ħlas minnu dovut għax-xogħol li sar fil-kċina kien ta' €4,221[14], iżda jippretendi li minn dan l-ammont għandu jitnaqqas fost oħrajn, il-valur ta' kxaxen u ċpiepet li jghid li pprovdihom huwa stess. Effettivament, jirrizulta illi l-konvenut qed jippretendi li wara li aċċetta l-istima mingħajr ebda rizerva, li l-attur "*jara kemm jiswew li jtellgħu hundreds u jaqtagħhomli mill-prezz*"[15]. Izda l-Qorti tosserva illi għajr ghax-xhieda tiegħu stess, il-konvenut ma ressaq ebda prova li tikkonvinċi lill-Qorti illi effettivament fil-kċina ma ntuzawx aċċessorji akkwistati mill-attur.

In sunt minn dak hawn fuq riportat, jirriżulta li x-xogħol li ġie ordnat mill-konvenut kien jikkonsisti fis-segwenti:-

| | |
|---|---|
| Numru ta' bibien (żdiedu *handles* u *locks*) | € 4466 |
| Vanity units | € 1300 |

---

[12] €4,221.
[13] A fol 48
[14] A fol 63
[15] Il-konvenut in eżami a fol 64.

| | |
|---|---|
| Fitted Wardrobe | € 400 |
| Xogħol fuq kċina | € 4221 |
| **Total** | **€10,387.** |

**Pagamenti u Bilanċ**

Jirriżulta wkoll illi l-konvenut għamel is-segwenti pagamenti akkont taż dan ix-xogħol:-

| | |
|---|---|
| 1.Fuq l-ordni tal-bibien | € 800 |
| 2.Pagament | € 1500 |
| 3.Pagament | € 1121 |
| 4.Pagament | € 900 |
| 5.Pagament | € 395 |
| **Total** | **€ 4716** |

B'hekk jidher li fadal bilanċ ta' **€5,671**[16].

**Xogħlijiet li saru mill-Attur**

L-attur fl-Affidavit tiegħu[17] jispjega li hu għamel is-segwenti xogħlijiet fuq inkarigu tal-konvenut:-

Sebgħa (7) bibien;
Tlett (3) *vanity units;*
Xogħol fuq gwardarobba *fitted;*
Xogħol fuq il-kċina[18].

[16] Jirriżulta li dan l-ammont bilanċjali huwa € 50 aktar minn dak mitlub fir-rikors promotur.
[17] A fol 39 *et seq*
[18] Fl-Affidavit tiegħu, l-attur jikkonċedi li kien għad fadallu jagħmel *"il-gwarniċa ta' fuq u ċioe dik li tiffittja mas-saqaf".*

Il-konvenut da parti tiegħu jispjega[19] li ghalkemm il-bibien ġew konsenjati u stallati, dawn saru tardivament, filwaqt illi l-*vanity units*, li twahhlu f'Lulju 2016, kellhom xi difetti żgħar. Qal ukoll illi l-attur dam ħafna biex ġie jistalla l-kċina.

Il-konvenut jilmenta wkoll illi l-*walk in wardrobe u l-bookcase* qatt ma saru. Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi evidentement, dawn il-mobbli ma humiex mertu ta' din il-vertenza peress li, kif gia' stabbilt, ma jirriżultax li ġew ordnati. Jirriżulta biss li l-partijiet kienu ddiskutew il-prospett li jsiru dawn ix-xogħolijiet, bħalma jirriżulta ukoll li kien hemm xi prospett li jsir xogħol ta' *fire place,* iżda mhux li ġew effettivament ordnati u ma jidhirx li qed jintalab xi hlas ghal dawn il-mobbli.

Skont l-attur, huwa hadem fuq *fitted wardrobe* (mhux *walk-in wardrobe*) u fi kwalsiasi kaz, jiġi osservat illi l-konvenut ma cahadx illi effettivament sar xoghol fuq gwardarobba ezistenti. Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti illi x-xogħol fuq din il-*fitted wardro*be li, wara kollox, jirriżulta li ġiet ordnata mill-konvenut, effettivament sar. Din il-fehma hija rinforzata ulterjorment mill-fatt li l-konvenut isemmi din il-biċċa mobbli meta jirreferi għall-*bieb tal-closet.*[20]

**<u>Difetti Riskontrati mill-Konvenut</u>**

Il-Qorti tinnota li l-kontestazzjoni prinċipali tal-konvenut dwar it-talba għall-ħlas, tikkonsisti fl-ilment tax-xogħol ħażin u xogħol mhux komplut, kif ukoll fl-ilment li l-prezz tal-kxaxen u ċ-ċappetti tal-kċina kellhom jitnaqqsu mill-prezz mitlub għaliex dawn effettivament ma nxtrawx mill-attur[21].

Il-konvenut fid-depozizzjoni tiegħu, jilmenta mis-segwenti nuqqasijiet fix-xogħlijiet eżegwiti mill-attur:-

---

[19] Ara deposizzjoni a fol 54 *et seq*
[20] A fol 59
[21] A fol 64

**Bibien**:- "*għandi l-main door x' ħin ġie jistallaħ, iż-żebgħa kkrekjata kollha*"[22] ... "*Il-bibien tal-washroom hu u jistalla l-pumi taqqab toqba bi żball. Għandi l-en-suite u l-bathroom l-istess, x'ħin għamel it-toqob tal-pumi qiegħdin l-isfel irtukkjahom.*"[23]

**Kċina**:- "*... kelli kexxun tefgħu hemm u ma nstallahx. Jiena ċ-ċpiepet u soft closing kollox, kollox kien tiegħi. Issa hu kkwota bihom b'kollox. X'ħin kwotali għidtlu: "Le. Din kollox għandek." Qalli: "Dak inraħħsuhom mill-prezz." Ġabu hemm, tilifli l-fittings u ħallihuli hemm mal-art u ma nstallahx. Qlajt kexxun minnhom, ħadtu għand wieħed biex ġibt l-istess fitting u għamiltu jiena. Għandi l-bottom part tal-kċina kienet tiegħi, sprejjaha, kellu jaqtahieli biex jiffitjahieli. Ħallihom l-istess size, kelli noħodhom jien u naqtahom u ninstallahom jiena. Fuq il-gwarniċ tal-kċina qatt ma saret. Kelli l-cover tal-hood qatt ma sar umbagħad il-ġnub tal-kċina meta ġabhom ma kienux jiffittjaw. ... ġab biċċa għodda, qattahomli fuq il-post. Hu u jaqta' iċċipjahom kollha minn fuq. Qatt ma rtukjahom.*"[24]

Il-konvenut jilmenta wkoll li kien hemm xi toqob u xi problema fl-istallazjoni tal- *fitted fridge* li kellu jirrimedjahom huwa stess u fil-fatt dawn issewwew. Dan hu konfermat minn missier il-konvenut Joseph Ciantar li mix-xhieda jirriżulta li ta' spiss kien imur jissorvelja x-xogħlijiet li kienu qed isiru mill-attur. L-istess Joseph Ciantar jispjega[25] li fil-kċina, "*il-vasa', il-parenti fejn iħabbtu l-bibien ma sarux u l-faxxa tan-nofs anqas ġiet sprejjata"*. Jilmenta ukoll li ħarġu dbabar sofor fl-ispray[26].

Il-Qorti tosserva illi għalkemm il-konvenut u missieru entrambi xehdu dwar id-difetti li huma rriskontraw fix-xogħol imwettaq mill-attur, ma jirriżultax li huma intiżi fil-mistier ta' mastrudaxxa[27] u f'kull każ, ma tressqitx prova teknika dwar dawn l-allegati difetti. Madanakollu, mill-ġabra tal-provi ma jirriżultax li dawn l-lmenti tagħhom huma ta' xi portata sostanzjali relattivament għall-iskop

[22] A fol 57
[23] A fol 57
[24] A fol 58
[25] A fol 77
[26] Dawn jidhru fir-ritratti esebiti a fol. 90 *et seq.* u fuq il-*pen drive* esebita a fol. 103.
[27] A fol 80

shih tal-appalt, u dan peress li l-konvenut stess jirrikonoxxi li l-allegati difetti setgħu jiġu rimedjati billi jiġu rtokkati. Dana meta testwalment jgħid:-

*"Jiena kull difett illi bdejna insibu ... Antoine dejjem qalli: "Issa nirranġawhom. Issa nirtukkawhom." Għalkemm din hija ġdida u jien ma ridtx li nirtukkaw jekk fil-verità jirtukkom u jiġu tajbin jien għalija."*[28]

Il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt illi l-konvenut stess jirrikonoxxi u jikkonferma li l-attur kien dispost jindirizza l-ilmenti tiegħu dwar ix-xogħol eżegwit:-

*"Dr Laura Calleja: Mela, emm jiġifieri s-Sur Galea qatt ma rrifjuta illi jirranġa jew jikkoreġi kwalunkwe difetti li seta' kien hemm?*
*Wayne Ciantar: Le.*
*Dr Laura Calleja: Qatt ma rrifjuta.*
*Wayne Ciantar: Le. Le hu dejjem qalli: "Tħabbel rasek xejn. X'ħin inlestilek hawnhekk, ovvjament qabel it-tieġ," qalli: "umbagħad indurhomlok."*[29]

Ikkonsidrat ukoll li hafna min-nuqqasijiet elenkati mill-istess konvenut ġew faċilment rimedjati minnu stess. Dana jikkonfermah hu stess meta xehed hekk:-

*"Żidt fuqu u arranġajtu jiena, plus li għadni parti minnha nieqsa. Per eżempju hu kexxun minnhom ħallihuli mingħajr bieba xejn. Daka ġejt waħħaltu jien, xtrajt iċ-ċpiepet jien u waħħaltu. Il-bażi kienet nieqsa. Għamiltha jiena xorta ... Umbagħad ovvjament fejn ma stajtx nagħmel jien għadu, għadu ħażin, għadu nieqes*".[30]

Ix-xogħol li allegatament baqa' ma sarx mill-attur, ġie elenkat minn missier il-konvenut li jirreferi għall-*walk in wardrobe* li, kif fuq ingħad, ma tinkwadrax f'din il-vertenza, kif ukoll ghal partijiet żgħar fil-kċina li ma tlestewx mill-attur. L-attur jaccetta li fil-kċina kien għad fadallu jagħmel *"il-gwarniċa ta' fuq u ċioe dik li tiffittja mas-saqaf"*.

[28] A fol 86
[29] Konvenut in kontro-eżami a fol 117
[30] Konvenut in kontro-eżami a fol 118

B'zieda ma' dak li xehed il-konvenut, fuq riprodott, Joseph Ciantar xehed hekk fir-rigward:-

*"...il-walk in ma tlesta xejn, il-kċina baqagħla parti mill-cabinet, għandha l-vażi ta' taħt, għandha biċċa mal-hood, għandha diversi plus xi affarijiet li saru ħżiena. Jiġifieri anke l-unika parti li hija suppost lesta li hija tal-breakfast bench ukoll għandha diversi toqob u msiemer.*[31]

**<u>Ħsara fil-Parquet</u>**

Fir-Risposta tiegħu l-konvenut laqa' ghat-talba attriċi fost oħrajn b'eċċezzjoni li bix-xogħol ħazin li wettaq l-attur, ikkaġunalu ħsara fl-għamara u fil-parquet. Hu xehed hekk fir-rigward:-

*"Jiena ġibt lil tal-parquet, ma għidtlu xejn li sprejaw fuqu, m'għidtlu xejn, għidtlu: 'Isma', hawnhekk ħariġli difett fil-parquet', biex jiena qisni ngħidlu: 'Isma', din tort tiegħek jew le?' Ġie, ħadli sample, bgħatha, għandi jiġifieri l-affarijiet li bgħatuli via email ukoll, qalu li chemical spill, jiġifieri, iktar ikkonfermajt illi bl-isprej."*[32]

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

F'materja ta' appalt, il-Qorti tal-Appell [Sede Inf.] f'sentenza deciza fis-6 ta' Ottubru 2004, qalet hekk:-

*"L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. 'L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinarja.' Dan fis-sens li ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu;*

*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax jinsab ritenut ukoll 'f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem.'*

[31] Missier il-konvenut in kontro-eżami a fol 127
[32] Konvenut in kontro-eżami a fol 115

… … …

*Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti… l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. 'Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt';*

*Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-komittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilità kontrattwali normativa minhabba inadempiment. Li jfisser li l-komittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art. 1069(1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-komittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art. 1069(2));*

*Meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol.*"[33]

Ukoll in materja jinsab ritenut kostantement:-

"*… kif jidher mill-gurisprudenza in materja (ara "Mallia vs Fonk" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1975, kif ukoll "Bugeja vs Gauci" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1980, u "Mallia vs Magri" deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1981), il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jippronunzjaw ruhhom diversament dwar kwistjonijiet ta' din in-natura, u dana skond ic-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz. Kif jidher mis-sentenzi fuq citati, il-Qorti taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas ta' prezz tal-appalt stabbilit "a misura" meta kien hemm difett parzjali mhux sostanzjali fix-xoghol, izda awtorizzaw lill-komittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra, fejn ix-xoghol gie ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohra, l-Qorti ordnat li titnaqqas, mis-somma li tigi mhallsa, s-somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difett fix-xoghol."* [34]

Imbagħad, fis-sentenza **John Borg et vs Emanuel Galea et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2009, intqal hekk:-

"*Huwa principju assodat in materia li jekk n-nuqqasijiet riskontrati fix-xoghol esegwit huma essenzjali jew radikali, l-appaltant jista' jitlob li jigi dikjarat li l-kuntratt jinhall minhabba nuqqas ta' twettiq, u li jithallas id-danni minghand l-*

---

[33] **Pierre Darmanin v. Moira Agius et**, Appell Civili Nru. 323/02.
[34] Cit. Nru. 1249/90, deciza 27 ta' Gunju 2002.

*appaltatur.* ***Jekk però n-nuqqasijiet riskontrati ma jkunux essenzjali jew radikali izda, jistghu jigu riparati, l-appaltatur ma ghandux jitqies inadempjenti izda, jkollu l-obbligu li jsewwi x-xoghol hazin jew jaccetta tnaqqis fil-prezz.*** " [enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Applikat dan l-insenjament għall-vertenza odjerna u ghar-rizultanzi tal-provi kif fuq premessi, il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. L-appalt konsistenti fix-xoghol ta' injam li ġie ordnat mill-konvenut ossia, bibien, *vanity units, fitted wardrobe* u xogħol fil-kċina, ġie b'mod sostanzjali eżegwit mill-attur, għalkemm jirriżulta li kien hemm xi parti minuri tal-kċina li baqgħet ma ġietx maħduma.

Rigward il-gwardarobba, ma jirrizultax li giet ordnata *walk-in wardrobe* izda modifiki fuq gwardarobba ezistenti ghall-prezz ta' €400, liema xoghol skont l-attur, gie ezegwit b'mod shih u ma jirrizultax li kien hemm xi lmenti fir-rigward, da parti tal-konvenut. Ix-xhieda tal-attur baqghet ma gietx kuntrastata u ghalhekk il-Qorti sejra taghti affidabbilita` lill-verzjoni tal-attur.

Il-Qorti tosserva wkoll illi mill-provi imressqa, għalkemm il-konvenut isostni li x-xogħlijiet kollha ordnati kellhom jitlestew u jiġu istallati qabel jizzewweġ f'Lulju 2016, mill-provi ma jirrizultax li kien hemm terminu speċifiku pattwit ghat-tlestija tal-appalt. Izda f'kull kaz, il-konvenut mhux biss naqas milli juri b'mod konvinċenti illi l-appalt ma ġiex ezegwit, izda wkoll naqas milli jipprova li huwa sofra xi telf jew danni minħabba d-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-appalt.

Huwa wkoll indiskuss illi l-konvenut ma ħallasx il-prezz miftiehem għax-xogħol kollu li ġie ordnat u istallat mill-attur.

Il-Qorti wara li rat l-atti u x-xhieda, tqis li x-xogħol li baqa' ma sarx mill-attur, apparti li l-valur tiegħu ma ġiex kwantifikat minn espert fil-qasam, huwa

minimu u fil-biċċa l-kbira tiegħu ġie rimedjat mill-istess konvenut mingħajr l-intervent ta’ persuna tas-sengħa fil-qasam.

Kwantu ghax-xogħol allegatament ħazin imwettaq mill-attur, kif eċċepit fis-sitt paragrafu tar-Risposta tal-konvenut, hija l-fehma tal-Qorti li ma jirriżultax li l-attur wettaq xi xogħol li huwa sostanzjalment jew essenzjalment ħażin, iżda pjuttost jirrizulta li kien hemm uħud mix-xogħolijiet li ma laħqux l-aspettattivi estetiċi tal-konvenut u/jew kien għad jonqoshom irtokki u finalizzazzjoni. Id-difetti fix-xoghol allegati mill-konvenut ma gewx ippruvati sodisfacjentement u l-Qorti mhijiex konvinta illi x-xoghol ma sarx skont kif tesigi s-sengha u l-arti. Tqis ukoll li billi ma nġiebet l-ebda prova illi x-xogħol istallat kellu jitneħħa jew jsir mill-ġdid, ix-xogħol kollu intrapriż mill-attur serva u għadu jservi sal-lum ta’ utilita` għall-konvenut.

Magħdud dan, kif ingħad, għalkemm il-konvenut jikkontendi li huwa sofra ħsara minħabba xogħol imwettaq ħażin mill-attur, fin-nuqqas ta’ provi sodisfaċjenti li jikkonvinċu lill-Qorti dwar il-veru kaġun kif ukoll dwar il-valur u entita` ta’ din il-ħsara, il-Qorti ma tqisx li tista’ takkolji din l-eċċezzjoni, miżmum ferm ukoll il-fatt li evidentement, il-konvenut baqa’ ma għamel ebda talba rikonvenzjonali ghall-ħlas tad-danni li allegatament sofra fir-rigward.

Madanakollu, billi huwa ppruvat li fix-xogħol eżegwit mill-attur kien hemm xi nuqqasijiet li, għad mhux sostanzjali, kienu jeħtieġu li jiġu riparati u msewwija, il-Qorti fid-dawl ta’ dak fuq espost tħoss li t-talba ta’ l-attur ma tistax tiġi akkolta fl-intier tagħha, anke għaliex kif rajna, kien għad fadal ukoll xi irtokki x’isiru kif ukoll xi xogħol minuri ieħor li ma ġiex kompletat. Rinfaċċjata, iżda, bil-fatt illi l-valur tax-xogħol mhux kompletat ma giex kwantifikat, u lanqas ingiebet stima, imqar approssimattiva, tax-xogħol rimedjali meħtieġ, il-Qorti sejra tillikwida hija stess il-valur tax-xoghol li jehtieg li jigi rimedjat u x-xogħol mhux kompletat.

Wara li ħadet qies tan-natura minuri tan-nuqqasijiet riskontrati u l-fatt illi l-maġġor parti tax-xogħoliiet ikkummissjonati gew effettivament eżegwiti, qieghda tillikwida *arbitro boni viri* l-valur tax-xoghol mhux kompletat u x-xogholijiet rimedjali mehtiega fix-xoghol manifatturat mill-attur, fis-somma ta' sitt mitt Euro (€600), liema somma għandha titnaqqas mill-prezz bilancjali pretiż mill-attur.

In konkluzjoni, il-Qorti b'referenza ghas-seba' eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, tosserva li ma tressqu ebda provi in sostenn tal-allegazzjoni li ma nghatawx ricevuti fiskali, u lanqas dwar l-ezistenza u konsistenza tal-iskema li saret aċċenn għaliha fir-Risposta tieghu. Fi kwalsiasi kaz ma jirrizultax mill-atti x'kienet l-entita' tat-telf li allegatament ġie soffert mill-konvenut taħt l-imsemmija skema, magħdud dan il-fatt illi hija l-fehma tal-Qorti illi f'kull kaz il-konvenut kellu jressaq talba rikonvenzjonali sabiex il-Qorti tista' taġġudika dwar xi telf li seta' talvolta ġarrab bħala rizultat ta' dan l-allegat nuqqas tal-attur, liema talba rikonvenzjonali evidentement ma saritx.

**Decide**

**Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' parzjalment it-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess attur is-somma bilancjali ta' hamest elef u wieħed u ghoxrin Euro (€5,021.00) ghar-raġuni mfissra fir-Rikors promotur, bl-imgħax mill-25 ta' April 2018 u bl-ispejjez jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**